MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1733/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Ottubru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru :** 1733/05ISB

Joseph u Carmen, konjugi Pisani,

karta ta' l-identita` numri 795638(M) u 9142(M)

Vs

Paolo Cassar

It-Tribunal,

Ra l-Avviz pprezentat fil-15 ta' Lulju 2005 fejn l-atturi qed jitolbu li dan it-Tribunal (1) jiddikjara li l-konvenut huwa moruz fil-hlas ta' pagamenti dovuta lilhom bi ksur tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat fl-10 ta' Lulju 1995 fl-atti tan-Nutar Jeannette Laferla Saliba, (DOK A) u li b'hekk skond l-istess ftehim tilef il-beneficcju tat-terminu, u (2) jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma bilancjali ta' sitt mija u disgha u erbghin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm649.38), ammont likwidat u aggjornat sat-18 ta' April, 2005 skond l-anness prospett DOK B.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tal-5 ta' Gunju 2004, 19 ta' Jannar 2005, 11 ta' Frar 2005, 24 ta' Marzu 2005 u 3 ta' Mejju 2005,u bl-imghax legali mit-18 ta' April 2005 sal-effettiv pagament, kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut tal-10 ta' Ottubru 2005, fejn gie ecceppit illi l-allegazzjoni u t-talba hija nfondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi l-ammont reklamat huwa mhallas u ghalhekk il-konvenut mhux dovut ihallas xejn. Bl-ispejjes kontra l-attur ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` t-trattazzjoni ta' l-Abbli Avukati difensuri fid-9 ta' Mejju 2006.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi r-relazzjoni kontrattwali ta’ bejn il-partijiet hija regolata bil-kuntratt pubbliku tal-10 ta’ Lulju 1995 (Dok A) ma’ l-Avviz.

Illi l-kontestazzjoni principali tidher illi qeghda fuq il-komputazzjoni ta’ l-imghax.

Illi bil-hlas ta’ erba mija u tmien Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm408.68) li sar f’ April 2005, il-konvenut isostni illi hallas kollox u ma fadallu ebda ammont pendenti favur l-atturi.

Illi t-Tribunal jinnota illi f’din il-kawza ma tressqux xhiedha u l-partijiet ghazlu li jistriehu biss fuq id-dokumenti esebiti – dokumenti kollha esebiti mill-atturi.

Illi ghalkemm ebda dokument ma huwa kkonfermat bil-gurament; b’dana kollu jidher illi bejn il-partijiet ma hemm ebda kontestazzjoni fuq l-istess dokumenti u ghaldaqstant it-Tribunal sejjer jghaddi biex jiddeciedi fuq din il-vertenza a bazi ta’ dawk l-istess dokumenti;

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-kuntratt tal-10 ta’ Lulju 1995 hawn fuq msemmi kien jistipula illi l-imghax ta’ 8% kellhom jiddekorru b’effett mid-9 ta’ Lulju 1994 – haga illi l-konvenut donnu illi qieghed jinsa jew ghal xi raguni jiskarta.

Illi harsa lejn Dok KC 3 (fol 23) minn naha l-ohra juri illi l-imghax ghas-sena 9/7/94 sa’ 9/7/95 qed jigi skartat – u l-konvenut jidher illi qed jistrieh fuq din il-versjoni kif murija fit-tabella – Dok KC 3.

Illi t-Tribunal ihoss ghalhekk illi Dok B ma’ l-Avviz huwa prospett li jqarreb aktar id-dicitura tal-kuntratt msemmi u jirrifletti aktar dak li ghadda bejn il-kontendenti.

Illi meta allura sar il-hlas ta’ Lm410 (flok Lm408.68) fit-18 ta’ April 2005, kien fadal bilanc ta’ Lm1008.12. Meta tnaqqas Lm410 u zzid l-imghax minn Awissu 2004 (meta kien sar il-pagament precedenti) ghal April 2005 meta sar

l-ahhar hlas da parti tal-konvenut, jigi illi fadal dak mitlub fl-Avviz, ammont ta' sitt mija u disa` u erbghin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm649.38);

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u disa` u erbghin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm649.38) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz, bl-imghax mit-19 ta' April 2005 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------